MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1530/1997/1

**Mario u Valley Mila konjugi Camilleri**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana;**
**U b'digriet tat-28 ta' Jannar 2004, Dr. Patrick J Galea bhala prokuratur specjali tas-socjetajiet esteri Universal Music International Limited, BMG Music d/b/a BMG Music Entertainment, WEA International Inc, Sony Music International, u EMI Recorded Music, gie awtorizzat jintervjeni *in statu et terminis* fl-atti ta' din il-kawza.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fl-1 ta' Lulju 1997 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur Mario Camilleri importa konsenja ta' CDs mill-Bulgaria;

Premess illi dawn is-CDs gew importati b' mod regolari u sa fejn jaf l-attur huma skond il-ligi;

Premess illi l-konvenut qed jirrifjuta li jirrilaxxja dawn is-CDs a favur l-esponenti;

Premess illi fil-frattemp l-attur qed isofri danni konsiderevoli;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna l-konvenut sabiex immedjatament jirrilaxxja il-merkanzija favur l-attur;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gja pprezentat u b' rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ohra ghad-danni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut il-Kontrollur tad-Dwana pprezentata fit-12 ta' Settembru 1997, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma inammissibbli stante li l-*compact disks* imsemmija fic-citazzjoni, li gew importati fi stat sfuz u minghajr kaxxi hemm rapport ta' espert internazzjonali fis-sens li dawn huma *pirate copies* u ghalhekk l-istess merkanzija tikkostitwixxi l-*corpus delicti* ta' reat ta' frodi kummercjali a skapitu tal-proprjetarji veri tax-xoghlijiet rekordjati fuq l-imsemmija diski u ma tistax tigi rilaxxjata mid-Dwana skond il-ligi;

2. Illi *di piu`*, meta gew impurtati l-istess diski gie dikjarat lid-Dwana li dawn kienu sitt elef fin-numru mentri fil-fatt

instab li dawn kienu sittin elf u ghalhekk hemm ksur ta’ l-Ordinanza tad-Dwana anke f’ dan ir-rigward;

3. Illi d-diski in kwistjoni huma l-oggett ta’ investigazzjoni kriminali mill-pulizija u ma jistghux jigu rilaxxjati f’ dan l-istadju b’ mod li jista’ jippregudika tali investigazzjonijiet;

4. Illi oggetti li jkunu *counterfeit goods* bhal ma huma d-diski in kwistjoni ma jistghux jigu mportati f’ Malta skond l-Avviz Legali 118 ta’ l-1992;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-provvediment moghti minn din il-Qorti fit-28 ta’ Jannar 2004 li permezz tieghu Dr. Patrick J. Galea *nomine* gie ammess jintervjeni *in statu et terminis*; kif ukoll awtorizzat il-prezentata fi zmien ghoxrin gurnata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-Kontrollur tad-Dwana li fiha huwa eccepixxa:-

Illi n-nota ta’ qbid numru 27/97, datata 28 t’ Ottubru 1997, mahruga taht l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma kinitx kontestata kif tipprovdi l-istess Ordinanza, u ghalhekk illum din saret ezekuttiva. Il-merkanzija li ghaliha tirreferi hija konfiskata u ghalhekk ma jistax jintalab ir-rilaxx taghha;

Bl-ispejjez kontra l-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess Kontrollur tad-Dwana akkompanjanti n-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri, flimkien mal-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijietipprezentati mill-partijiet;

Rat il-verbal tad-9 ta’ Gunju 2004 meta l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-punt involut f’ dan il-kaz u li tressaq ghall-attenzjoni ta’ din il-Qorti mill-konvenut permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri (fol. 182) jikkoncerna l-procedura adoperata mill-atturi biex jikkontestaw in-nota ta’ qbid Numru 27/97 datata 28 ta’ Ottubru 1997 mahruga mill-Kontrollur tad-Dwana fit-termini tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet;

Skond kif jinsab dikjarat mill-konvenut, in-notifika tan-nota ta’ qbid ma gietx konsegwita mill-atturi la b’ avviz bil-miktub u lanqas bil-procedura idonea permezz ta’ “rikors”, kif hekk sanzjonat fl-Artikolu 72 (2) u 73 (1) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana;

Ghal dawk li huma fatti essenzjali jirrizulta li l-atturi mportaw kwantita` ta’ CDs mill-Bulgarija li gew spediti f’ konsenja unika. Id-Dwana ma hallietx lill-atturi jirtiraw dan ix-*shipment* billi riedet qabel xejn tivverifika l-genwinita` tas-CDs. Eventwalment dawn il-*compact discs* gew maqbuda kif jidher mis-*Seizure Note* esebita a fol. 110. Kif spjegat mix-xhieda Alfred Agius, Spettur tad-Dwana, (fol. 113) u Martin Debattista, ufficcjal doganali (fol. 138), id-dati murija fuq dan id-dokument jikkorrispondu ghad-data tal-prelevament tas-CDs (20 ta’ Lulju 1997) u ghad-data ta’ l-emissjoni tan-nota ta’ qbid (28 ta’ Ottubru 1997);

Jirrizulta inoltre mill-inkartament tal-kawza illi ttiehdu proceduri penali kontra l-attur konkjuzi bis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tas-27 ta’ Ottubru 2000. Fiha nghad illi l-ordni tar-rilaxx ma kellhiex tostakola l-proceduri civili u ggib fix-xejn l-effetti ta’ l-Artikolu 72 ta’ l-Ordinanza;

Il-kontenzjoni tal-konvenut hi dik li z-zmien precizat mil-ligi fl-Artikolu 72 kellu jibda jiddekorri min-notifika tas-*seizure note* u l-attur kien naqas li jaghmel dan fiz-zmien utli u permezz tal-procedura korrispondenti li jsemmi l-Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 37;

Indubbjament, anke ghaliex dan hekk jirrizulta mid-deposizzjoni ta’ Dr. Jose` Herrera (fol. 117), kopja tas-*seizure* note inghatatlu, anke jekk ma setax jikkonferma d-data preciza meta dan sar. Huwa jissokta jghid ukoll illi wara li nghata kopja tas-*seizure note* ittiehdu l-passi gudizzjarji permezz ta’ protest u l-kawza (fol.118);

L-atturi, filwaqt li jirrikonoxxu fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghhom (fol. 187) illi l-procedura adottata minnhom ma kinitx dik konsentita mil-ligi permezz ta’ “rikors”, jargomentaw illi xorta wahda l-procedura adoperata tac-“citazzjoni” ma kinitx irritwali. Huma jinferixxu dan minn dak dispost fl-Artikolu 164 (2) tal-Kapitolu 12 li jistabbilixxi li “ma hemmx nullita` jekk kawza illi jmissha tingieb b’ rikors minflok tingieb b’ citazzjoni”;

Kif kien mistenni l-konvenut jikkontestalhom dan ir-ragonament. Is-sottomissjoni tieghu hi bazata fuq ir-raguni logika-guridika precizata fit-tielet proviso ta’ l-istess Artikolu 164 (2) li jghid illi “d-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu ma ghandhomx japplikaw meta <u>skond xi ligi ohra</u> li ma tkunx dan il-Kodici l-procedimenti ghandhom jinbdew b’ rikors”;

Gja fi zmenijiet ohra qabel l-emendi apportati ghall-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta’ l-

1995, kien jinghad li in kwantu l-procedura hi ligi ta’ ordni pubbliku “ma jistax jigi ammess li procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b’ohra, u lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. U l-eccezzjoni relattiva, jekk ma tigix sollevata, jew tigi rinunzjata, mill-parti l-ohra, ghandha tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*” - “**Michele Parnis -vs- Carmelo Caruana *nomine***”, Appell, 23 ta’ Gunju 1952, (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 204**);

Enuncjazzjoni din segwita u abbraccjata f’ bosta decizjonijiet ohra a **Vol. XXXVIII P I p 519, Vol. XLIX P I p 421; “Antonio Saliba -vs- Joseph Galea *proprio et nomine*”**, Appell Kummercjali, 6 ta’ Mejju 1968, “**Paolo Spiteri -vs- Leonard Spiteri**”, Appell Civili, 4 ta’ Dicembru 1979 u “**Leslie Causon -vs- Godwin Abela *nomine***”, Appell, Sede Inferjuri, 2 ta’ Dicembru 1994;

Fil-kaz in ezami din l-istess enuncjazzjoni ghandha tghodd ukoll in kwantu l-proviso precitat ta’ l-Artikolu 164 (2) ma jhalli l-ebda dubju illi jekk ligi ohra (f’ dan il-kaz l-Ordinanza tad-Dwana), tkun tispecifika l-forma espressa tar-rikors din allura kellha *ad validitatem* tkun il-procedura li messha ntuzat mill-atturi;

Jitnissel minn dan illi l-att tac-citazzjoni li ntuza f’ dan il-kaz kien dak zbaljat u dan l-izball ma jistax jissewwa jew jigi rimedjat u sanat. Lanqas ma tista’ l-Qorti tiddispensa mill-forma partikolari ta’ l-att espressament preskritt mil-ligi specjali u tippermetti flokha forma ohra. Il-procedura adoperata mill-atturi ma tistax allura titqies ritwali. Dan inevitabilment igib li l-procedura hi ghalhekk nulla u bla effett.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi bl-akkoljiment ta’ l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut tiddikjara irrita` u nulla l-

procedura promossa mill-atturi billi din ma saritx bil-forma tar-rikors kif preskritt fl-Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 37;

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------